MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2003

Citazzjoni Numru. 1211/2001/1

**GALLERIA MANAGEMENT LIMITED**

vs

**THOUGHTS COMPANY LIMITED**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija Gallerija Management Limited fil-5 ta' Lulju, 2001, li bih u għar-raġunijiet imsemmija qegħda titlob lil din il-Qorti biex tgħaddi biex tordna x-xoljiment u l-konsegwenzjali stralċ tal-kumpannija intimata, għar-raġuni li din ma' tistax tħallas id-djun tagħha;

Rat li għalkemm il-kumpannija intimata u rappreżentant tagħha ġew notifikati kif imiss b'kopja tar-Rikors u bl-Avviż tas-Smigħ fl-4 t'Ottubru, 2001[1], naqsu li jressqu tweġiba għat-talba tal-kumpannija rikorrenti u lanqas qatt dehru jew imqar kienu rappreżentati kull meta ssejjaħ ir-Rikors;

Rat in-Noti mressqin mill-kumpannija rikorrenti waqt is-smigħ tas-17 t'April, 2002[2], u tat-30 ta' Mejju, 2002[3], u l-provi dokumentali mehmużin magħhom;

Semgħet lill-avukat tal-kumpannija rikorrenti;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-Degriet tagħha tat-30 ta' Mejju, 2002, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

## *Ikkunsidrat:*

[1] Riferta f'paġġ. 4 *tergo* u paġ. 6 tal-proċess
[2] Paġġ. 9 sa 14 tal-proċess
[3] Paġġ. 17 sa 31 tal-proċess

Illi din hija azzjoni maħsuba biex il-Qorti tordna li kumpannija tiġi xolta u biex jibda l-proċess li jwassal għall-istralċ tagħha. Ir-rikorrenti, li hija kreditriċi kanonizzata tal-kumpannija intimata, qegħda titlob lill-Qorti tagħti l-Ordni għar-raġuni li l-kumpannija intimata ma tistax tħallas id-djun tagħha[4];

Illi bħala provi biex issaħħaħ it-talba tagħha, il-kumpannija rikorrenti ressqet provi dokumentali. Hija fissret li dak li wassalha biex tressaq it-talba tagħha kien li, wara li ngħatat sentenza minn din il-Qorti[5] favur tagħha, sabet li mhux biss il-kumpannija intimata naqset li tħallas l-ammont kanonizzat, imma meta l-istess kumpannija rikorrenti għaddiet biex tesegwixxi s-sentenza bil-ħruġ tal-Mandat esekuttiv opportun[6], l-uffiċjal esekuttiv ġie mgħarraf[7] li l-kumpannija intimata ma kellha l-ebda assi tagħha li fuqhom setgħet issir l-eżekuzzjoni tal-Mandat. Minbarra dan, intwera li l-kumpannija intimata jidher li waqqfet jew issospendiet in-negozju tagħha (għalkemm ma saritx talba għall-ħruġ tal-Ordni għal Stralċ fuq din il-kawżali) u li saħansitra kienet ġiet imneħħija mir-reġistrazzjoni mid-Dipartiment għat-Taxxa ta' Valur Miżjud[8] ;

Illi l-kumpannija intimata kienet twaqqfet f'Ottubru tal-1997 b'kapital ta' Lm 500 u bħala membri kienet magħmula minn żewġ kumpanniji[9]. Madwar tlitt xhur wara[10], waħda mill-kumpanniji membri biegħet l-ishma kollha tagħha lill-kumpannija l-oħra (249 sehem) u lid-direttur ta' din (sehem), Raymond Caruana, li kien wieħed mill-persuni notifikati wkoll

[4] Art. 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386
[5] Ċitazz. Nru. 1811/00JRM maqtugħa fil-21 ta' Novembru, 2000 (u li ma ġietx appellata)
[6] Mandat ta' Qbid Eżekuttiv 303/01MM maħruġ fit-2 ta' Frar, 2001 (Dok "GM1", f'paġġ. 10-2 tal-proċess)
[7] Dok "GM5", f'paġ. 14 tal-proċess
[8] Dok "GM4", f'paġ. 13 tal-proċess
[9] Dok "CV2", f'paġ. 20 tal-proċess
[10] Dok "CV7", f'paġ. 24 tal-proċess

bl-atti ta’ dan ir-Rikors. Sa Diċembru tal-2000, is-Segretarju oriġinali tal-Kumpannija kien irriżenja mill-kariga u postu ħadu wkoll l-imsemmi Raymond Caruana[11]. Mir-rapport finanzjarju magħmul f’April tal-2001 jirriżulta li l-kumpannija waqfet tinnegozja matul l-1998, u dan minħabba t-telf li ġarrbet[12]. Ir-rapport tal-awditur tal-kumpannija[13] juri li t-telf kurrenti kien jisboq l-assi kurrenti bi qrib ħamest elef lira Maltija, filwaqt li d-dejn kollu kien jaqbeż l-assi kollha tal-kumpannija bi tnax-il elf tmien mija u sittax-il lira Maltija (Lm 12,816);

Illi jrid jingħad li l-liġi tħalli diskrezzjoni f’idejn il-Qorti jekk tagħżilx li tagħti l-Ordni tal-Istralċ fil-każ fejn il-kumpannija ma tkunx tista’ tħallas id-djun tagħha. Il-liġi tgħid x’inhuma ċ-ċirkostanzi fejn kumpannija għandha titqies li ma tkunx tista’ tħallas id-djun tagħha[14]: biex Ordni ta’ Stralċ jista’ jingħata huwa biżżejjed li lill-Qorti tintwera l-eżistenza ta’ waħda minnhom. Iż-żewġ ċirkostanzi li l-liġi bihom tqis li kumpannija ma tistax tħallas id-djun tagħha huma (a) in-nuqqas ta’ ħlas ta’ dejn kanoniżżat sa żmien erbgħa u għoxrin (24) ġimgħa mill-ħruġ ta’ Mandat Eżekuttiv kontra l-kumpannija, jew (b) li jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li l-kumpannija ma tistax tħallas djunha, meta jitqies ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tagħha. Mill-kliem tal-liġi nnifisha, jista’ jkun hemm ċirkostanzi differenti li juru li kumpannija tkun f’qagħda li ma tistax tħallas id-djun tagħha, ukoll jekk ma tkunx fi stat ta’ insolvenza[15]. Għalhekk, skond l-għejjun tal-liġi li minnhom tfasslet il-liġi tagħna tal-lum dwar din il-materja, “*a company is deemed to be insolvent if it is proved to the satisfaction of the Court that it cannot pay its debts as they fall due*”[16];

---

[11] Dok “CV8”, f’paġ. 25 tal-proċess
[12] Dok “CV11”, f’paġ. 28 tal-proċess
[13] Dok “CV12”, f’paġ. 29 tal-proċess
[14] Art. 214(5) tal-Kap 386
[15] Ara Bailey, Groves & Smith Corporate Insolvency (2nd Edit, 2001), paġ. 267 u *Cornhill Insurance Plc vs Improvement Services Ltd. (1986) BCLC 26*
[16] *Ibid.*

Illi, kif ingħad, intwera wkoll li l-kumpannija qegħda tbati minn dak li fid-dritt huwa magħruf bħala "*current debts insolvency*" fejn il-kumpannija ma kinitx qegħda tħallas id-djun li jagħlqu meta jagħlqu, u kienet ukoll f'qagħda ta' dak li huwa magħruf bħala "*balance sheet insolvency*", billi l-ammont ta' djun magħrufa kienu jisbqu fil-valur l-assi tagħha;

Illi għall-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi u pruvati huma biżżejjed biex bihom tiddeċiedi favorevolment għat-talba tal-kumpannija rikorrenti;

Għal dawn ir-raġunijiet, wara li qieset dawn il-fatti u kif ukoll l-artikoli 235 u 305 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif qiegħed jingħad hawn taħt:

1. Qegħda, għall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 219 tal-Kap 386, tordna l-istralċ tal-kumpannija kummerċjali Thoughts Company Limited, u dan b'effett mid-data ta' dan l-Ordni;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data ta' din l-ordni, jibgħat kopja tiegħu lir-Reġistratur tal-Kumpanniji: liema kopja għandha, għall-finijiet tal-artikolu 235(1), tagħmel tajjeb għall-avviż li għandu jingħata lill-istess Reġistratur mill-persuna maħtura bħala stralċjarju ;

3. Twettaq fil-ħatra bħala stralċjarju tal-istess kumpannija intimata lil Renald Micallef ta' "Casa Belle", Triq il-Katlan, Ħ'Attard;

4. Illi, għall-finijiet tal-artikolu 263 tal-Kap 386, u b'żieda ma' dawk is-setgħat imsemmija fl-artikolu 238, l-imsemmi stralċjarju qiegħed jingħata s-setgħa li jwettaq l-egħmejjel hemm imsemmija kif jidhirlu xieraq hu, iżda mhux qabel ma

jkun għarraf lill-Qorti minn qabel permezz ta' Nota fl-Att ta' dan ir-Rikors;

5. Illi, għall-finijiet ta' dan id-Degriet, il-Qorti qegħda torbot li l-istess stralċjarju li m'għandu jwettaq l-ebda delega tas-setgħat jew funzjonijiet tiegħu skond dan id-Degriet u skond il-liġi, qabel ma jkun kiseb il-permess minn din il-Qorti fuq talba mressqa għal dan il-għan b'rikors;

6. Tordna lill-istralċjarju sabiex, għall-finijiet tal-artikolu 240 tal-Kap 386, iżomm dak it-tagħrif dokumentat u dawk il-kotba tat-twettiq tal-amministrazzjoni tiegħu u li jressaqhom (jew kopji awtentikati taghhom) għall-eżami tal-Qorti kull meta, mqar b'Degriet mogħti taħt l-artikolu 173 tal-Kap 12, jintalab li jagħmel dan;

7. Tordna lill-istralċjarju jsejjaħ u jżomm dawk il-laqgħat mal-kredituri skond kif imfisser fl-artikolu 296 tal-Kap 386, biex jiġu indirizzati l-kwestjonijiet kollha marbuta mal-istralċ;

8. Tordna lill-istralċjarju biex, sa żmien tliet (3) xhur kalendarji mid-data ta' din l-Ordni, iressaq rapport aġġornat ta' dak kollu li jkun wettaq a tenur ta' dan id-Degriet; u,

9. Fl-aħħarnett, u filwaqt li żżomm sħiħa s-setgħa tagħha li tibdel u żżid ma' l-ordnijiet mogħtija bis-saħħa ta' dan id-Degriet skond ma jkunu jitolbu ċ-ċirkostanzi, tordna lill-istralċjarju li jagħmel magħrufa dawn l-ordnijiet lil kull min għandu interess għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------